MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 316/2002/1

**Avviz numru 316/02 DM**

**Ceiling Systems Limited**
**Vs**
**Alfred Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma elf, tmin mija u tmin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu Maltin (Lm1,808.75) rappresentanti prezz ta' zewg 'air-conditioners', affarijiet tal-kamra tal-banju u servizzi ohra konsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra tieghu li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok ma huwiex minnu li l-eccipjenti nkariga lill-atturi sabiex jaghmlu xi kmamar tal-banju.
2. Fit-tieni lok ghar-rigward l-'air conditions' irid jinghad li l-prezz mitlub mill-atturi huma ta' godda mentri dawn kienu ta' sekonda mano.
3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.
.
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm l-atturi fl-Avviz ma jaghmlu ebda referenza ghal xi ftehim specifiku li kien intlahaq mal-konvenut biex jintitolahom jitolbu l-ammont indikat fl-istess Avviz, mid-deposizzjoni ta' Joseph Farrugia (vide fogli 11 u 18 tal-process) jirrizulta li fil-fatt l-allegazzjoni hija li, dwar l-'airconditioners', il-ftehim li ntlahaq mal-konvenut kien wiehed ta' bejgh, bi ftehim fuq il-prezz riservat wara l-konsenja u nstallazzjoni**,** waqt li, dwar il-'bathroom tiles and fittings', il-ftehim kien wiehed ta' mandat fejn l-atturi kellhom jixtru u jhallsu ghan-nom tal-konvenut li, minn-naha tieghu, kellu jirrifondilhom il-prezz wara il-konsenja.

Minn naha tieghu l-konvenut jaccetta li sar il-bejgh tal-'airconditioners' izda jikkontesta li ntlahaq xi ftehim fuq il-prezz mitlub mill-atturi u jsostni li l-prezz kollu kellu jkun dak korrenti fuq is-suq ghal 'airconditioners' tat-tip u fl-istat li kienu dawk li xtara.

Dwar il-'bathroom fittings' il-konvenut jinnega kull kuntatt ma' l-atturi u jsosstni li dawn kienu nxtraw direttament minnu minghand id-ditta 'Bathline' u l-prezz thallas wkoll minnu direttament lill-vendituri.

Mill-provi prodotti tirrizulta spjegazzjoni ghal dawn ir-relazzjonijiet strambi bejn il-kontendenti, li tohrog mill-fatt li fiz-zmien tal-konsejna tal-oggetti in kwistjoni fis-sena elfejn (2000) l-atturi kienu qeghdin jesegwixxu xogholijiet

fl-isptar ‘St. Vincent De Paule’ fuq kuntratt li hadu minghand il-Gvern, u l-konvenut kien il-‘project supervisor’ imqabbad mill-Gvern biex jissorvelja x-xoghol ta’ l-atturi.

Il-konvenut stess jindika, u Mario Abela prodott minnu jikkonferma, illi dwar l-‘airconditioners’ il-konvenut ippretenda prezz favorevoli minghand l-atturi, waqt li ghall-‘bathroom fittings’ irrikorra ghand id-ditta ‘Bathline’ biex jibbenefika minn prezzijiet favorevoli li d-ditta ‘Bathline’ kienet qed taghti lill-atturi ghall-materjal fornit lilhom ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt mall-Gvern.

Inoltre l-Qorti tissospetta illi l-atturi, waqt il-perijodu li fih kienu ghadhom qed jezegwixxu x-xogholijiet fl-Isptar imsemmi, kienu indecizi jekk effettivament kienux ser jaddebitaw lill-konvenuti bl-ammonti li qed jippretendu llum, waqt li l-konvenut, minn-naha tieghu, matul l-istess zmien ma rrikorra ghand hadd biex jissalda dak li setgha kien dovut minnhu ghal merkanzija li kien rcieva bla hlas. Infatti jirrizulta li l-atturi ddecidew f’April 2002 li jaddebitaw lill-konvenut ghall-valur tal-merkanzija akkwistata minnu, sentejn wara l-konsenja, u dan wara li l-konvenut bhala ‘project surpervisor’ ma kienx agevola lill-atturi kif mistenni u anzi kien ikkonkluda li l-kuntratt ta’ l-atturi ma’ l-Gvern ma kienx gie esegwit sew minnhom u nsista li l-Gvern jzommilhom pagament ta’ hamsa u sittin elf lira Maltin (Lm65,000) minhabba n-nuqqasijiet li huwa rriskontra.

Jirrizulta wkoll li fl-laqgha tas-17 ta’ Mejju, 2001, bejn il-kontendenti u l-Ministru tas-Sahha fost ohrajn, l-atturi ghamlu xi accenn ghall-konsenja bla hlas ta’ l-‘airconditioners’ u l-konvenut deherlu opportun li jhallas taghhom dak il-hin stess, izda fi prezz li jiddetermina huwa stess wahdu.

Billi nonostante n-nuqqas ta’ ftehim fuq il-prezz u billi z-zewg nahat jinsistu fuq il-validita’ tal-bejgh, jispetta lill-Qorti li tiffissa hija *arbitrio boni viri* l-prezz ta’ l-istess ‘airconditioners’ u tenut kont li dawn kienu diga’ ntuzaw mill-atturi ghal ftit granet waqt xi fiera, u tenut kont tal-prezzijiet korrenti dak iz-zmien tal-konsenja u stallazzjoni, kif jirrizultaw mid-deposizzjoni ta’ Mario Abela u mir-

reklami esibiti mill-konvenut, il-Qorti qieghda tiffissa bhala prezz ghal dawn l-'airconditioners', kompriza l-istallazzjoni, s-somma komplessiva ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650).

Ghal dak li jirrigwarda l-'bathroom fittings u tiles' ghandu jinghad mill-ewwel illi d-deposizzjoni ta' Anthony Briffa direttur ta' 'Bathline Limited' hija inaffidabbli. Dan jallega li l-atturi ghazlu li jhallsu l-prezz ghall-'fittings' kkonnsenjati lill-konvenut zmien wara tali konsenja tal-materjal lill-konvenut, izda l-ircevuti *ufficjali* rilaxxjati mill-kumpanija venditrici stess juru li l-hlas ezatt tal-prezz kollhu sar dakinhar stess tal-konsenja u din ir-raguni tispjega ghaliex ***qatt*** ma ntaghbat xi kont lill-konvenut minn Bathline Limited, li minn-naha taghha, ma kellha ebda motiv ghaliex tagevola lill-konvenut b'dak il-mod.

Ghall-istess motivi imsemmija dwar l-'air conditioners', il-konvenut ghal sentejn shah ma sab xejn stramb li min bieghlu b'hames mitt lira Maltin (Lm500) materjal ma talbu ebda hlas ta' l-prezz nonostante il-konsenja. Kien biss meta rceva l-kont ta' l-atturi li l-konvenut avvicina lill-vendituri u sforza lil Anthony Briffa sabiex jirrilaxxja rcevuta *ohra* ghall-prezz diga' mhallas sentejn qabel mill-atturi u rregistrat fil-kotba ta'l-vendituri.

Dawn ic-cirkostanzi u l-fatt li 'Bathline Limited' qatt ma rilaxxjat ricevuta ufficjali lill-konvenut izda biss lill-atturi, l-fatt li bil-bejgh biss lill-atturi l-konvenut seta' ibbenefika mill-prezzijiet faverevoli li 'Bathline Limited' kienet qed tikkoncedi lill-atturi dak iz-zmien, il-fatt li ma tirrizulta ebda prova konklussiva illi effettivament il-konvenut kien hallas fi flus lil-'Bathline Limited' fid-data illi Briffa irrilaxxja l-ircevuta lilhu, u l-fatt li rcevuta rilaxxjata minn Briffa lill-konvenut ma hiex ricevuta mahruga mill-vendituri, l-kumpanija Bathline Limited, jwasslu ghall-konkluzjoni li l-verzjoni ta' l-atturi hija l-unika wahda affidabbli u li ghalhekk ghandhom jigu kkompensati mill-konvenut ta' dawk li huma zgur li nefqu fl-interess tieghu.

Ghaldaqstant issib li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin

(Lm525) li dawn nefqu fl-interess u fuq istruzzjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant tilqa' it-talbiet attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf, mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm1,175) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghax legali mit-13 ta' Mejju, 2002.

Dwar l-ispejjez minhabba c-cirkostanzi specjali li nfluwenzaw u rregolaw it-transazzjonijiet strambi li ghazlu li jikkonkludu l-kontendenti, tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------